KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

30 ta' Settembru 2013

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 18 ta' Settmbru 2013 fis-1.30pm,** b'din l-agenda:

**Evalwazzjoni tal-Offerti:**

**1.1 BookBox**
**1.2 Street Sweeping and Cleaning**
**1.3 Progett Ftuh ta' Fossa go Pjazza San Publju**
**1.4 Gbir ta Skart Goff**

Ghal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-vici Sindku Matthew Paris ma kienx prezenti. Huwa kien skuzat minhabba ragunijiet ta safar.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.
Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda fis-1.50pm.

## 1.1 BookBox

1.1.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega x'kien sar fir-rigward ta' din is-sejha.

1.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kif maqbul f'laqgha precedenti, gie kjarifikat mas-Sur Anton Zarb li il-panels huma tal-perspex.

1.1.3 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li l-kuntrattur kien ikkonferma.

1.1.4 Ghalhekk wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili favur l-approvazzjoni tal-ghazla tal-offerta' tas-Sur Anton Zarb, u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (DSH, VB, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 1.2 Street Sweeping and Cleaning

1.2.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega ftit l-evalwazzjoni ta' din l-offerta'.

1.2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta rapport li kien sar a bazi ta' l-offerti proposti u spjega fuq fuq f'hiex kien jikkonsisti.

**Nota: 1.50pm Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

1.2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif mid-diversi offerti li kellu l-Kunsill, hafna mill-offerenti kienu naqsu milli jipprovdu dak li mitlub minnhom.

1.2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk hemmx lista ta' affarijiet li jridu jigu sottomessi b'mod obbligatorju. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm lista ta' informazzjoni obbligatorja li trid tigi sottomessa u li hija inkluza fl-istess tender.

1.2.5 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll li kien hemm offerenti li naqsu mill jimlew xi informazzjoni essenzjali mitluba fid-dokument tat-tender jew imlew b'mod inkorrett.

1.2.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill jistax jitlob kjarifiki lill uhud mill-offerenti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jistghu jintalbu xi kjarifiki bil-kundizzjoni li ma jinbidilx il-prezz jew il-kundizzjonijiet tal-offerta'.

1.2.7 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien talab parir lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali li kienu ssuggerew li jitkellem mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li dawn ta' l-ahhar irrimarkaw sabiex il-Bord jevalwa skond id-dokument tat-tender.

**Nota: 2.17pm Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

1.2.8 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll il-kwistjoni tal-paga minima fejn din tinhadem skont is-

sieghat ta' hidma mnizzlin fl-offerta' u s-somma tal-offerta'. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ma jistax ihaddem kuntrattur u jinkoraggih ihallas l-impjegati tieghu inqas minn dak li hu suppost u ghalhekk din kienet xi haga li l-Kunsill kellu jzomm f'mohhu meta janalizza l-offerti.

1.2.9 Minhabba dawn id-diffikulatjiet, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jitkellem mal-Avukat tal-Kunsill sabiex jikkjarifika xi punti u fuq l-annessibilta' tat-tenders.

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

## 1.3 Progett Ftuh ta' Fossa go Pjazza San Publju

1.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm offerta' wahda bissa ghal din is-sejha.

1.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li kien intalab rapport minghand il-Perit li kien qed jahdem fuq il-progett fejn kien ta l-parir li tintghazel l-offerta' ta' KDF Ltd.

1.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Perit kien talab garanzija fuq xi xoghol minghand il-kuntrattur kif ukoll certifikat minghand il-kuntrattur li kien ser jimmanifattura / jipprovdi il-hgiega in kwistjoni.

1.3.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk hiex vijabbli li jinhareg tender ghall-manutenzjoni ta' dan il-progett u dan minhabba li ser ikun hemm spiza kontinwa biex tinbidel bozza maqtugha.

1.3.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-approvazzjoni tal-offerta' ta' KDF Ltd., issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.3.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li hi kienet ivvotat favur l-approvazzjoni tal-offerta' ta' KDF Ltd. minkejja l-kummenti mhux xierqa li kien ghadda d-direttur tal-istess kumpanija kontra l-Kunsill fuq il-pagna ta' Facebook.

## 1.4 Gbir ta Skart Goff

1.4.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jipprezenta r-rapport li kien ipprepara rigward din is-sejha ghall-offerti.

1.4.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li anke f'dan it-tender, kien hemm diversi offerenti li naqsu milli jissottomettu dak li mitlub minnhom.

1.4.3 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jitlob parir lill-Avukat tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-14.55.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Svetlick J. Flores |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |